

Motivi u argumenti prinċipali

- (1) Ksur tal-valuri tal-istat tad-dritt peress li ġie stabbilit regola-ment ibbażat fuq titlu maħruġ mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, li l-atti tiegħu ma humiex suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju.
- (2) Ineżistenza ta' att tal-Unjoni u, sussidjarjament, nuqqas ta' bażi legali tar-Regolament peress li ma ġewx introdotti miżuri li jggarantixxu l-protezzjoni uniformi prevista fl-Artikolu 118 TFUE.
- (3) Użu ħażin ta' poter peress li ntużat il-kooperazzjoni msaħħa għal finijiet differenti minn dawk previsti fit-Trattati.
- (4) Ksur tal-Artikolu 291(2) TFUE u, sussidjarjament, ksur tal-ġurisprudenza *Meroni* peress li ġiet irregolata s-sistema ta' ffissar ta' taxxi annwali u ta' determinazzjoni tal-kwota ta' distribuzzjoni tagħhom.
- (5) Ksur tal-ġurisprudenza *Meroni* peress li ġew iddelegati lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi kompiti amministrattivi partikolari fir-rigward tal-privattiva Ewropea b'effett unitarju.
- (6) Ksur tal-prinċipji ta' awtonomija u ta' uniformità fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tas-sistema ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 361, p. 1.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2013 — Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-147/13)

(2013/C 171/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: S. Centeno Huerta u E. Chamizo Llatas, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1260/2012 ⁽¹⁾, tas-17 ta' Diċembru 2012, li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni, u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikoli 4, 5, 6(2), u 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1260/2012, tas-17 ta' Diċembru 2012, li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni, u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

- (1) Ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni billi jintroduċi sistema li tippreġudika lill-individwi li l-lingwa tagħhom

ma tkunx l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż, peress li din is-sistema hija sproporzjonata meta mqabbla mal-għan imfittex.

- (2) Nuqqas ta' bażi legali tal-Artikolu 4 billi jirregola t-traduzzjoni f'każ ta' tilwima, li ma taffetwax direttament is-sistema lingwistika tat-titolu kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 118 TFUE.
- (3) Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
- (4) Ksur tal-ġurisprudenza *Meroni* billi jiddelega l-ġestjoni tal-iskema ta' kumpens (Artikolu 5) u l-pubblikazzjoni tat-traduzzjonijiet (Artikolu 6(2)) lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi.
- (5) Ksur tal-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni billi jissuġġetta l-applikazzjoni tar-Regolament għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-Qorti Unitarja tal-Privattiva.

⁽¹⁾ ĠU L 361, p. 89

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Marzu 2013 — A, parti oħra fil-proċedura: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

(Kawża C-148/13)

(2013/C 171/32)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: A

Parti oħra fil-proċedura: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

Domandi preliminari

Liema huma l-limitazzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE ⁽¹⁾, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mill-Artikoli 3 u 7 tagħha, għall-mod kif inhu evalwat il-karattru kredibbli ta' allegata orjentazzjoni sesswali; dawn il-limitazzjonijiet huma differenti minn dawk applikabbli għall-evalwazzjoni tal-karattru kredibbli ta' motivi ta' persekuzzjoni oħra u, fl-aftermattiv, f'liema rigward?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96.